Dispożittiv

(1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

(2) *Diamanthandel A. Spira BVBA għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *De Beers u De Beers UK Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

([1]) ĠU C 129, 9.6.2007.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2013 — Hangzhou Duralamp Electronics vs Il-Kunsill

(Kawża T-459/07) ([1])

("Dumping — Importazzjonijiet ta' lampi florexxenti kompatti elettroniċi u integrati (CFL-i) li joriġinaw fiċ-Ċina, fil-Vjetnam, fil-Pakistan u fil-Filippini — Skadenza tal-miżuri antidumping — Eżami mill-ġdid — Prodott simili — Data użata għad-determinazzjoni tad-dannu — Pajjiż analogu — Interess tal-Komunità — Artikolu 4(1) u Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (li saru Artikolu 4(1) u 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009) — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża")

(2013/C 252/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hangzhou Duralamp Electronics Co., Ltd (Hangzhou, iċ-Ċina) (rappreżentanti: M. Gambardella u V. Villante, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J.-P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch u G. Wolf, avukati, J.-P. Hix u B. Driessen, aġenti, assistiti minn G. Berrisch)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u K. Talabér-Ritz, aġenti); u Osram GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Bierwagen, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1205/2007, tal-15 ta' Ottubru 2007, li jimponi dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lampi florexxenti kompatti elettroniċi u integrati (CFL-i) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 384/96, u li jestendi għall-importazzjonijiet tal-istess prodott mibgħuta mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u r-Repubblika tal-Filippini (ĠU L 272, p. 1).

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Hangzhou Duralamp Electronics Co., Ltd għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u minn Osram GmbH.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

([1]) ĠU C 51, 23.02.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2013 — Philips Lighting Poland u Philips Lighting vs Il-Kunsill

(Kawża T-469/07) ([1])

("Dumping — Importazzjonijiet ta' lampi florexxenti kompatti elettroniċi u integrati (CFL-i) li joriġinaw miċ-Ċina, mill-Vjetnam, mill-Pakistan u mill-Filippini — Skadenza ta' miżuri antidumping — Eżami mill-ġdid — Artikolu 4(1), Artikolu 5(4), u Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (li saru l-Artikolu 4(1), Artikolu 5(4), u Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009) — Kunċett ta' industrija Komunitarja — Determinazzjoni tal-ħsara — Obbligu ta' motivazzjoni")

(2013/C 252/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Philips Lighting Poland S.A. (Pila, il-Polonja); u Philips Lighting BV (Eindhoven, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: L. Catrain González, avukat, u E. Wright, barrister)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. P. Hix, aġent, assistit minn G. Berrisch u G. Wolf, avukati, sussegwentement J. P. Hix u B. Driessen, aġenti, assistiti minn G. Berrisch)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Hangzhou Duralamp Electronics Co., Ltd (Hangzhou, iċ-Ċina) (rappreżentanti: M. Gambardella u V. Villante, avukati); u GE Hungary Ipari és Kereskedelmi Zrt. (GE Hungary Zrt) (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: P. De Baere, avukat)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet u K. Talabér-Ritz, aġenti); u Osram GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Bierwagen, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1205/2007, tal-15 ta' Ottubru 2007, li jimponi dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lampi florexxenti kompatti elettroniċi u integrati (CFL-i) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 u li jestendi għall-importazzjonijiet ta' l-istess prodott mibgħuta mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u r-Repubblika tal-Filippini (ĠU L 272, p. 1)

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Philips Lighting Poland S.A. u Philips Lighting BV għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, l-ispejjeż tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż ta' dan tal-aħħar marbuta mal-interventi ta' Hangzhou Duralamp Electronics Co., Ltd u ta' GE Hungary Ipari és Kereskedelmi Zrt (GE Hungary Zrt), u l-ispejjeż ta' Osram GmbH.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

(4) *Hangzhou Duralamp Electronics u GE Hungary għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll l-ispejjeż tal-Kunsill marbuta mal-intervent tagħhom.*

([1]) ĠU C 51, 23.02.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2013 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-358/08) ([1])

("Fond ta' Koeżjoni — Regolament (KE) Nru 1164/94 — Proġett għal sistema ta' trattament tal-ilma f'Zaragoza — Kanċellament parzjali tal-għajnuna finanzjarja — Kuntratti pubbliċi — Kunċett ta' xogħol — Artikolu 14(10) u (13) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE — Qsim ta' kuntratti — Aspettattivi leġittimi — Obbligu ta' motivazzjoni — Terminu għall-adozzjoni ta' deċiżjoni — Determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji — Artikolu H(2) tal-Anness II tar-Regolament Nru 1164/94 — Proporzjonalità — Preskrizzjoni")

(2013/C 252/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment J. Rodríguez Cárcamo, sussgwentement A. Rubio González, abogados del Estado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: G. Valero Jordana u A. Steiblytė, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3249 tal-25 ta' Ġunju 2008, dwar it-tnaqqis tal-għajnuna mogħtija taħt il-Fond ta' Koeżjoni lir-Renju ta' Spanja għall-proġett Nru 96/11/61/018 — "Saneamiento de Zaragoza" permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(96) 2095, tas-26 ta' Lulju 1996.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 272, 25.10.2008.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2013 — SA.PAR. vs UASI — Salini Costruttori (GRUPPO SALINI)

(Kawża T-321/10) ([1])

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali GRUPPO SALINI — Mala fide — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2013/C 252/46)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: SA.PAR. Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: A. Masetti Zannini de Concina, M. Bussoletti u G. Petrocchi, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Mannucci u P. Bullock, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Salini Costruttori SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: C. Bellomunno u S. Troilo, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tal-21 ta' April 2010 (Każ R 219/2009-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Salini Costruttori SpA u SA.PAR. Srl,

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *SA.PAR. Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 260, 25.09.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2013 — Aventis Pharmaceuticals vs UASI — Fasel (CULTRA)

(Kawża T-142/12) ([1])

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva CULTRA — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti SCULPTRA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2013/C 252/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aventis Pharmaceuticals, Inc. (Bridgewater, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Gilbey, avukat)